

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Aġġornament tal-kampjuni tal-karti maħruġa mill-Ministeri tal-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri lill-membri akkreditati ta' missjonijiet diplomatiċi u rappreżentanti konsolari u l-membri tal-familji tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 247, 13.10.2006, p. 85; ĠU C 153, 6.7.2007, p. 15; ĠU C 64, 19.3.2009, p. 18; ĠU C 239, 6.10.2009, p. 7; ĠU C 304, 10.11.2010, p. 6; ĠU C 273, 16.9.2011, p. 11; ĠU C 357, 7.12.2011, p. 3; ĠU C 88, 24.3.2012, p. 12; ĠU C 120, 25.4.2012, p. 4; ĠU C 182, 22.6.2012, p. 10; ĠU C 214, 20.7.2012, p. 4)**

(2012/C 238/05)

Aġġornament tal-Kampjuni tal-karti maħruġa mill-Ministeri tal-Affarijiet Barranin tal-Istati Membri lil membri akkreditati ta' missjonijiet diplomatiċi u rappreżentanti konsolari u l-membri tal-familji tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 19 (2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jstabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)

Flimkien mal-pubblikazzjoni fil-ĠU, aġġornament ta' kull xahar huwa disponibbli fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

### IR-REPUBBLIKA ĊEKA

*Sostituzzjoni tal-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 247 13.10.2006*

Karti tal-identità jinħarġu lil persuni privileġġati minn awotritajiet diplomatiċi jew konsulari u organizzazzjonijiet internazzjonali, u lil membri tal-familja tagħhom fir-Repubblika Ċeka. L-istatus tal-persuni privileġġati huwa indikat permezz ta' kodiċi fuq il-karta tal-Identità.

Jintużaw il-kodiċi li ġejjin:

### Ambaxxati

| Status                         | Kodiċi |
|--------------------------------|--------|
| staff diplomatiku              | D      |
| staff tekniku u amministrattiv | ATP    |
| staff ta' servizz              | SP     |
| staff domestiku privat         | SSO    |

### Konsolati

| Status                         | Kodiċi |
|--------------------------------|--------|
| staff konsulari                | K      |
| staff tekniku u amministrattiv | KZ     |
| staff ta' servizz              | SP/K   |
| staff domestiku privat         | SP/K   |

